L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA
ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI
ĊERTIFIKAT FIL-QARI TAL-PROVI BIL-MALTI

MAL 1048 L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi (2 kretti)

Eżami Frar 2012
It-Tieni Silta
Ħin: Siegħa u nofs (iż-żewġ siltiet)

Għall-kitba t’hawn isfel:
Segwi l-istruzzjonijiet li jidhru fil-kummenti. Agħmel b’tali mod li t-*track changes* ta’ dawn it-tiswijiet ma jidhrux, u fl-aħħar tħassar il-kummenti.

Sa ma miet fl-1961 Dun Karm kien għad kellu l-poeżiji tiegħu, bit-Taljan u bil-Malti, imxerrdin sa fil-postijiet l-inqas mistennija. Kien hemm il-ħtieġa li jinġabru, u dan kien proġett diffiċli ħafna li jiena dħalt għalih fil-bidu tas-snin sebgħin. Fil-bidu tas-snin sebgħin kont qiegħed naħdem fuq it-teżi għall-grad ta’ M.A. bl-isem “*La cultura italiana in Dun Karm*” (1975), li mbagħad fl-1978 kienet ġiet ippubblikata bħala volum minn Leo S.Olschki ta’ Firenze fil-Kullana ‘Biblioteca dell’Archivum Romanicum’, u bl-isem *La cultura italiana a Malta - Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l’opera di Dun Karm*.

Għall-grad ta’ Ph.D. ħdimt fuq it-tema *La cultura italiana del romanticismo e la poesia maltese*. Din it-teżi, ippreżentata fl-1978, ħarġet bħala volum bl-isem *Storia della letteratura maltese* mill-Edizioni Spes ta’ Milazzo fl-1986. Lit-test oriġinali Taljan tiegħi kont diġà qlibtu għall-Malti sadanittant, biex ħareġ il-volum *Storja tal-Letteratura Maltija* mill-Klabb Kotba Maltin fl-1979. Parti importanti minn dan ix-xogħol hi dwar l-identità romantika ta’ Dun Karm.

Dan ifisser li kelli nassigura li jkolli quddiemi t-testi kollha ta’ Dun Karm, bil-Malti u bit-Taljan, poeżija u proża, fosthom dawk li ma kienu xejn magħrufa u lanqas ippubblikati, u oħrajn li setgħu jinstabu. Bħala punt ta’ tluq ittieħdu ż-żewġ listi ta’ Ninu Cremona (1964) u Ġużè Cardona (1967). Mill-kotba li Dun Karm xandar hu nnifsu u mit-tliet kotba ta’ Ġużè Bonnici (1939-40) u l-antoloġija ta’ Ġużè Aquilina (1946) stajt nibni l-kwadru tal-opra sa dak iż-żmien.